

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/374

tal-14 ta' Marzu 2016

li temenda d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-livelli ta' referenza għall-ġestjoni tal-foresti, il-valuri minimi għad-definizzjoni ta' foresta u s-sena ta' bażi tal-emissjonijiet għar-Repubblika tal-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u partikolarment l-Artikolu 50 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, fejn l-atti tal-istituzzjonijiet adottati qabel l-adeżjoni jeħtieġu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa ma ġewx previsti f'dan l-Att tal-Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu, għal dak il-għan, jadotta l-atti meħtieġa jekk l-att oriġinali ma ġiex adottat mill-Kummissjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tistabbilixxi l-livelli ta' referenza tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-foresti, il-valuri minimi għad-definizzjoni ta' foresta u s-sena ta' bażi jew il-perjodu tal-emissjonijiet fl-Anness II, V u VI rispettivament.
- (3) Konsegwentement għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013, il-livell ta' referenza speċifiku, il-valuri għad-definizzjoni ta' foresta u s-sena ta' bażi għall-Kroazja għandhom ukoll jiġu inklużi fl-Annessi II, V u VI tad-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Anness II jiddaħħal dan li ġej wara l-entrata għall-Bulgarija:

"Il-Kroazja – 6 289";

- (2) fl-Anness V jiddaħħal dan li ġej għaż-żona (ħa), kopertura ta' qċaċet (%) u għoli tas-siġar (m), rispettivament, wara l-entrata għall-Bulgarija:

"Il-Kroazja 0,1 10 2";

⁽¹⁾ Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar regoli tal-kontabilità dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija u dwar informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet relatati ma' dawk l-attivitajiet (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 80).

- (3) fl-Anness VI jiddaħħal dan li ġej wara l-entrata għall-Bulgarija:
“Il-Kroazja 1990”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
M.H.P. VAN DAM
